BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 1/2013**

**Data tal-pubblikazzjoni: 23 ta' Mejju 2013**

**Jannar 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Jannar 2013.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset bi €15.8 miljun, jew b'0.2%, f'Jannar, għal €10.5 biljun (ara Tabella 1). Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 6.5%, minn 8.7% x-xahar ta' qabel.

It-tnaqqis xahar fuq xahar seħħ minħabba tnaqqis fil-komponent monetarju intermedju (M2), li naqas b'€20.1 miljun, jew b'0.2%, li patta għal żieda żgħira fit-titoli negozjabbli, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M3. Kollox ma' kollox, il-komponent monetarju intermedju kiber b'6.8% fuq bażi sena fuq sena, li hu tnaqqis mir-rata ta' 9.0% x-xahar ta' qabel.

It-tnaqqis fl-M2 irriżulta minn tnaqqis f'depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas. Dawn naqsu b'€81.0 miljun, jew b'1.9%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro.

B'kuntrarju għal dan, il-komponent monetarju ristrett (M1), li huwa komponent ieħor tal-M2, kiber b'€55.8 miljun, jew b'0.9%, hekk kif id-depożiti *overnight* komplew jiżdiedu. Dawn żdiedu primarjament minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji u minn individwi. Iż-żieda fid-depożiti *overnight* pattiet għal tnaqqis xahar fuq xahar fil-flus maħruġa. Fl-istess waqt, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, żdiedu b'€5.1 miljun, jew bi 3.3%, wara żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Kollox ma' kollox, il-kumpaniji privati mhux finanzjarji kkontribwew b'mod negattiv għall-bidla fl-M3 f'Jannar, u reġġgħu lura ż-żieda sinifikanti esperjenzata fix-xahar ta' qabel. B'kuntrast għal dan, is-settur tal-individwi żied il-bilanċi tad-depożiti tiegħu f'Jannar, biex b'hekk ta kontribut pożittiv għall-bidla fl-M3.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas marġinalment b'€4.4 miljun, hekk kif żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali kienet

megħluba minn tnaqqis fil-kreditu lil setturi oħra. Kollox ma' kollox, il-kreditu naqas b'rata annwali inqas mgħaġġla ta' 2.7% f'Jannar, wara tnaqqis ta' 3.0% f'Diċembru.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-kreditu mogħti lir-residenti taż-żona tal-euro, il-kreditu lill-gvern ġenerali kiber b'€87.5 miljun, jew bi 2.5%, hekk kif il-banek żiedu l-ammont ta' dejn tal-gvern lokali miżmum minnhom. Madankollu, IFM residenti komplew inaqqsu l-ammonti miżmuma minnhom ta' titoli maħruġa minn gvernijiet oħra fiż-żona tal-euro.

Il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€91.9 miljun, jew b'0.8%, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammonti miżmuma minn IFM residenti ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset bi €878.4 miljun, jew bi 8.6%. Dan irrifletta żieda konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet lejn ir-residenti barranin li pattiet għal żieda żgħira fl-obbligazzjonijiet.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, naqset bi €867.0 miljun, jew b'5.7%, f'Jannar minħabba tnaqqis qawwi f'obbligazzjonijiet oħra (netti). L-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu marġinalment matul ix-xahar, hekk kif tnaqqis fir-riżervi tal-IFM għatta ż-żieda fl-ishma. B'kuntrast għal dan, l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali, jiġifieri l-kumplament tal-komponent ta' din il-kategorija, żdiedu bi €15.2 miljun, jew bi 3.0%, hekk kif żdiedu d-depożiti tal-gvern mal-Bank Ċentrali ta' Malta.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Jannar, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'€86.8 miljun, jew b'1.0% (ara Tabella 2). Peress li din iż-żieda kienet inqas minn dik irreġistrata tnax-il xahar qabel, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 5.5% minn 6.5% f'Diċembru (ara Grafika 1).

Id-depożiti *overnight* żdiedu b'mod sinifikanti bi €43.1 miljun, jew b'0.8%, minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn individwi u kumpaniji mhux finanzjarji. Madankollu, peress li t-tkabbir annwali kien inqas minn dak ta' sena qabel, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 9.1% minn 11.3% f'Diċembru. Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas żdiedu bi €38.7 miljun, jew b'1.0%, l-aktar minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom laħqet 0.2%, minn -0.1%, ix-xahar ta' qabel. Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas ukoll żdiedu b'€5.1 miljun, jew bi 3.4%, minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Matul ix-xahar, il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin żdied b'€121.2 miljun, jew b'1.1%. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu aċċellerat għal 2.1% minn 0.8% f'Diċembru 2012 (ara Grafika 2).

Iż-żieda osservata matul ix-xahar seħħet kompletament minħabba żieda fil-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali, li kiber b'€135.3 miljun, jew b'5.9%. Dan seħħ minħabba żieda fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor, kif ukoll ta' stokks tal-Gvern ta' Malta (MGS), miżmuma mill-banek. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali saret waħda pożittiva u laħqet 2.9%, minn -2.8% x-xahar ta' qabel.

B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti oħra barra l-gvern ġenerali naqas b'€14.1 miljun, jew b'0.2%. Dan irrifletta tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji privati mhux

finanzjarji, partikolarment dawk li joperaw fis-settur tal-kostruzzjoni, li patta għal żieda żgħira fis-self lill-individwi. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti oħra ma nbidlitx matul ix-xahar u baqgħet 1.8%.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu bi €78.4 miljun, jew b'0.6%, matul ix-xahar, hekk kif l-obbligazzjonijiet barranin żdiedu aktar mill-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2)[1]. Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin seħħet minħabba żieda fis-self mis-settur bankarju mingħand banek barranin. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet seħħet minħabba żidiet fid-depożiti miżmuma minn IFM barranin u fis-self mogħti lil residenti barranin. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti battiet għal 5.9% minn 8.9% x-xahar ta' qabel.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Jannar, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin żdiedet b'punt bażi għal 1.43%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti żdiedet b'żewġ punti bażi għal 4.35%.

Ir-rata medja tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi iktar minn dik ta' Jannar 2012, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet żewġ punti bażi inqas minn dik ta' sena qabel.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.